



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.11.2011
KUMM(2011) 792 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006¹ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, b'limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun, li ma jinkludix l-intestaturi rilevanti tal-qafas finanzjarju. Il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà tal-Fond huma ppreżentati fid-dettall fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002².

Abbażi ta' applikazzjoni għal assistenza mill-Fond min-naħa ta' Spanja b'rabta ma' terremot fir-reġjun ta' Murcia, u min-naħa tal-Italja wara għargħar li seħħ, l-istimi totali tal-ħsara kkaġunata huma kif ġej:

(f'EUR)

	<i>Ħsara diretta aċċettata</i>	<i>Limitu</i>	<i>Ammont ibbażat fuq 2.5 %</i>	<i>Ammont ibbażat fuq 6 %</i>	<i>Ammont totali tal- għajjnuna tal-UE proposta</i>
Spanja — terremot f'Orca	842,838 miljun	3,536 miljun	21 070 950	-	21 070 950
Għargħar fil-Veneto	676,357 miljun	3,536 miljun	16 908 925	-	16 908 925
Totali					37 979 875

Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet³, u meta titqies l-għotja massima possibbli mill-Fond flimkien mal-possibilità ta' riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet taħt l-intestatura li tirrikjedi nefqa addizzjonali, il-Kummissjoni tipproponi li timmobilizza l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għal ammont totali ta' EUR 37 979 875, li għandu jkun allokat taħt l-intestatura 3b tal-qafas finanzjarju.

Bil-preżentazzjoni ta' din il-proposta sabiex jiġi mobilizzat il-Fond, il-Kummissjoni qiegħda tagħti bidu għall-proċedura ssimplifikata tat-trilogu, kif mitlub mill-Punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, sabiex jinkiseb il-qbil taż-żewġ ferġat tal-Awtorità tal-Baġit dwar il-ħtieġa li jiġi użat il-Fond u l-ammont meħtieġ. Il-Kummissjoni tistieden lil kull ferġa tal-awtorità tal-baġit li tinforma lill-oħra u lill-Kummissjoni dwar l-intenzjonijiet tagħha.

Fil-każ li jkun hemm nuqqas ta' qbil minn waħda miż-żewġ ferġat tal-Awtorità tal-Baġit, għandha tissejjaħ laqgħa formali tat-trilogu.

Il-Kummissjoni ser tressaq abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) sabiex, kif mitlub mill-Punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006, fil-baġit tal-2011 jiddaħħlu approprjazzjonijiet speċifiċi għall-impenji u għall-ħlasijiet.

¹ ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

² ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3

³ Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni SEC(2011) 1383 dwar l-applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ppreżentata minn Spanja, u l-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni SEC(2011) 1373 dwar l-applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ppreżentata mill-Italja.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-UE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba⁴, u b'mod partikolari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea⁵,

Wara li kkunsidraw il-proposti tal-Kummissjoni,⁶

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") sabiex turi solidarjetà mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn diżastri.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu annwali ta' EUR 1 biljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li permezz tagħhom il-Fond jista' jiġi mobilizzat.
- (4) Spanja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, fir-rigward ta' diżastru kkaġunat minn terremot, u l-Italja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, fir-rigward ta' diżastru kkaġunat minn għargħar.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2011, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 37 979 875 f'appropriazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

⁴ ĠU C 139, 14.06.2006, p. 1.

⁵ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

⁶ ĠU C [...], [...], p. [...] u ĠU C [...], [...], p. [...]

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President